# FATIMA, LISBONA u SANTIAGO

***Mid-9 sas-16 ta' Ġunju 2011***

**Inzuru wkoll: Coimbra, Oviedo,Batalha, Garabandal.**

**9 ta' Ġunju, il-Ħamis:** Ninġabru l-ajruport ta' Ħal Luqa fis-6 ta' filgħodu mnejn nitilqu mal-Air Malta sa Ruma u wara mal Portugal Airlines sa Oporto fejn naslu fl-4.30pm. Bil-coach naqbdu t-triq tagħna lejn Santiago de Compostela fi Spanja fejn naslu tard bil-lejl.

**10 ta' Ġunju, SANTIAGO de COMPOSTELA** Għal min jagħmel il-pellegrinaġġ bil-mixi sa Santiago ta' Compostela biex iqim il-fdalijiet tal-appostlu San Ġakbu, fl-aħħar biċċa tal-mixja tiegħu se jkollu jgħaddi mill-Monte del Gozo. Il-Kattidral kbir u antik (il-faċċata tiegħu issibha fuq il-muniti Spanjoli taċ-ċenteżmu, 2 ċent. u 5 ċenteżmi), kattidral mimli bit-turisti, jista' ma jimpressjonakx wisq imma l-fatt li tul dawn l-aħħar ħdax-il mitt sena kien dejjem post għażiż ta' pellegrinġġ nisrani, żgur iqanqlek għar-rispett u l-meditazzjoni. Il-belt qadima u ppreservata tajjeb, hi l-kapitali tad-distrett Galicia. Fil-pjazza l-qadima hemm il-kattidral, il-palazz Irjali u l-bini tal-kunsill, imsejjaħ Xunta kif ukoll il-Hostal – mwaqqaf fl-1492 (meta Kolombu sab l-Amerka) bħala post biex joqgħodu fih il-pellegrini. Il-qalba antika tal-belt bit-toroq dojoq u jserrpu, hi mimlija bini storiku. Din il-belt għandha l-ogħla rata ta' xita fl-Ewropa –madwar 165cm fis-sena. L-ewwel pellegrinaġġ għal qabar ta' San Ġakbu f'Ċompostela sar għal ħabta tas-sena 950 u mill-Ingilterra l-ewwel wieħed li jissemma hu fl-1092. Fl-1140 inkiteb l-ewwel ktieb-gwida għall-pellegrini li kienu jkunu l-biċċa l-kbira Franċiżi. Kien ikun pellegrinaġġ bil-mixi li jieħu x-xhur. Biex jixorbu l-pellegrini kienu jużaw arzella li jġorru magħhom u li mbagħad saret simbolu tagħhom. City tour ta' Santiago. U ħin liberu.

**11 ta' Ġunju** **Nitilqu lejn Oviedo**

**OVIEDO** hi l-kapitali tad-distrett Asturias – il-kattidral, l-Universita', il-palazz tal-Markiż u l-Camposagrado mżejjen bi statwi u pjazez u bars li jbiegħu x-xorb tas-*ċider* – din il-belt ukoll hi post ta' pellegrinaġġi minħabba l-ħafna tifkiriet reliġjużi li fiha. Belt ta' wirt dinji. Toffri ikel tajjeb, b'ġobon, ħut, ħxejjex u deżerti ta' kull kwalita'. Fil-kattidral tinsab biċċa drapp li t-tradizzjoni tgħid li biha ġie xxuttat il-wiċċ ta' Kristu wara li niżżluh mis-salib.

Wara nofsinhar immorru nżuru r-raħal ta' Garabandal.

**GARABANDAL** raħal żgħir ta' xi 300 ruħ qrib il-muntanji fejn la hemm tabib u l-anqas qassis u fejn fl-1961 jingħad li l-Madonna dehret lil 4't itfal bniet. Għal diversi snin dawn it-tfal għaddew minn viżjonijiet u minn estasi daqqiet ta' ftit minuti daqqiet ta' sigħat. L-aħħar dehra fit-13 Nov. 1965. Nibqgħu nizlin lejn Oporto fejn norqdu l-lejl fil-hotel.

**OPORTO** hi t-2 l-ikbar belt tal-Portugal b'220,000 ruħ. Hi waħda mill-eqdem bliet ewropej u mogħtija il-ġieħ ta' belt ta' wirt dinji. Għaliha msemmi l-imbid port. Taf il-bidu tagħha lis-seklu 4 mit-300 sal-400 wara Kristu). Minn isimha, Portu cale ħareġ l-isem tal-pajjiż Portugal. Magħrufa bħala belt tal-pontijiet, wieħed minnhom iddisinjat minn Gustave Eiffel li bena t-torri ta' Pariġi. Mill-irvellijiet ta' Porto fl-1891 ħarġet ir-repubblika portugiża fl-1910. Ta' min jara l-kattidral, il-knejjes ta' S. Franġisk, ta' Santa Kjara, tal-Ħniena, il-palazz tal-isqof u l-istzzjon tal-ferrovija Bento.

**12 ta' Ġunju il-Ħadd.** **Nitilqu minn Oporto** u naslu Fatima, lejliet id-dehra tal-Madonna. Mal-pellegrini nieħdu sehem fid-devozzjonijiet. Nibqgħu sejrin lejn Lisbona fil-hotel tagħna. Illum lejliet Sant'Antnin ta' Padova li hu minn Lisbona. Inżuru l-knisja mibnija flok id-dar tiegħu u l-kattidral u ċ-ċelebrazzjoniet tal-festa.

**13 ta' Ġunju** **Filgħodu immorru Fatima.** Nattendu u nieħdu sehem fil-quddiesa. Inzuru s-Santwarju tal-Madonna bil-pjazza kbira ta' quddiemu, u d-dar qalb l-għelieqi fejn kienu jgħixu t-tfal li dehritilhom il-Madonna – Franġisku, Lucija u Ġacinta.
Wara nofsinhar inzuru l-muzew tax-xemgħa u mmorru nzuru l-għerien kbar u naturali msejjħa Mira de Aire misjuba fl-1947 b'nixxiegħat tal-ilma u kaskati u għadajjar zgħar li joħolqu spettaklu ta' ħoss u dwal. Dawn jiffurmaw parti minn grupp ta' għerien f'din in-naħa tal-Portugal. Lura, inzuru Batalha.
**14 ta' Ġunju** **LISBONA** hi belt sabiħa imma mhux supperva – mibnija fil-ħalq tax-xmara Tagus fil-qiegħ ta' wied u fuq il-ġnub tiegħu. Inzuru Avenida de Libertade, ir-Rossio, il-Plaza de Commercio, il-Monument għall-Conquistadores, it-torri Belem, il-knisja ta San Jeronimo, il-parti l-qadima msejħa Alfama u l-kastell San Ġorġ. Wara nofsinhar, inzuru n-naħa tal-belt fejn hemm il-fdal tal-knisja tal-Karmnu. Nitilgħu bil-lift maħdum mill-perit franciz Eiffel li bena t-torri Eiffel f'Pariġi. Ħin għal xiri ta' souvenirs.
**15 ta' Ġunju** Filgħodu eskursjoni għall-belt ta' **Sintra** – belt antika mibnija ġo wied iħaddar. Il-palazz tal-municipju, il-pjazza bil-funtana, il-karozzini bit-turisti u l-ħwienet mimlija souvenirs jgħinuk tħossok li qiegħed vaganza. Inzuru l-kastell Moresk ta' Penha – spettakulari kemm fit-tizjin ta' ġewwa kif ukoll fid-dehriet minn barra.
**16 ta' Ġunju** Filgħodu nieħdu l-breakfast u ħin liberu sa nofsinhar. Fis-1pm nitilqu mill-hotel u nibdew ir-ritorn tagħna lura minn Lisbona sa Ruma Fiumicino u minn Ruma sa Malta fejn naslu fl-10.30 ta' filgħaxija.

**IL-PREZZ 795** Ewro: jinkludi Vjaġġ bl-ajru / it-taxxa tal-ajruport / Transfers bil-coach sal-lukandi u lura / akkomodazzjoni f'hotels fi kmamar ta' 2 bid-WC, Shower / Breakfast kuljum / l-ikla ta' filgħaxija kuljum / Leader ta' esperjenza biex imexxi l-grupp.
Il-prezz **ma jinkludix:** id-dħul fil-postijiet li nzuru / l-eskursjonijiet li flimkien **jiswew 185 ewro.**
**Il-ħlas ta' 300 ewro isir b'cekk.** Għal min irid nistgħu noffrulkom insurance li tiswa 23 ewro.

**YTC 227 Triq il-Merkanti, Valletta**
**Tel. 21233893 99234500, 79302345** info@ytc.org.mt

+==========================================================================